MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 1002/2009

**Exalco Group Ltd (C - 11273).**

**vs**

**Euromed Support-Systems Ltd (C-37748).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti Exalco Group Ltd datat 20 ta' Ottubru 2009 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' ghoxrin elf hames mija wiehed u sebghin ewro u disgha u tletin centezmu (€20,571.39) rapprezentanti aggustamenti fl-ammont dovut mir-rikorrenti lill-Korporazzjoni Enemalta, liema aggustament sar wara li l-istess Korporazzjoni ghamlet kalkolazzjoni erroneja fl-ammont dovut;

Illi l-intimati huma marbuta skont kuntratt ta' kera tad-9 ta' Marzu 2006 biex ihallsu lir-rikorenti dan l-ammont, pero' s'issa allavolja mitlubin jaghmlu dan baqghu inadempjenti, ghajr illi skont Dok “A” anness, ma hemmx kwistjoni li l-ammont hu dovut;

Illi l-ammont dovut huwa cert liwkidu u skadut u l-intimati ma ghandhomx eccezzjoni xi jgibu kontra t-talbiet rikorrenti.

Ghaldaqstant tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex previa l-akkorciment taz-zmien *ai termini* u occorrendo dawk id-dikjarazzjonijiet xierqa u necessarji:

1. Tiddiciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh *a tenur* tal-**Art. 167 (2) tal-Kap 12** u

2. Tiddikjara illi l-ammont edott cioe` ghoxrin elf hames mija wiehed u sebghin ewro u disgha u tletin centezmu (€20,571.39) huma dovuti lir-rikorrenti mill-intimati u;

3. Tordna l-hlas tal-istess ammont lir-rikorrenti mill-intimati

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni u b’riserva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni l-ohra.

Rat li s-socjeta` intimata debitament notifikata fiz-zmien preskritt mil-ligi baqghet kontrumaci u msejha tliet darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkustanzi t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skont il-procedura tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------